# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Qawsalla ta' Kuluri**

**Lezzjoni 2.1: Jien kulur sabiħ. Jien parti mill-ħolqien**

**L-Għanijiet:**



It-tfal:

a) Jifhmu li huma parti mill-ħolqien.

b) Jirrealizzaw li għandhom sensi, qalb, moħħ, eċċ.

c) Jagħrfu l-użu ta' dawn is-sensi.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Powerpoint Presentation 2.1
- Dokument ta' Starboard
- Karta ta' Taħriġ 2.1
- Song: Jesus loves me

  *mehttp://www.youtube.com/watch?v=uves7vM41q4*

**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Fakkar lit-tfal fl-istorja tal-ħolqien. Tista', jekk trid, turi xi stampi milli tkun użajt fil-lezzjonijiet ta' qabel.
- Uri l-istampa minn fuq il-Powerpoint Presentation ta' tifel u tifla.
- Staqsi lit-tfal jgħidulek x'qed jaraw billi jiddeskrivu lit-tfal tal-istampa.
- Wassal lit-tfal biex jiftakru li Alla ħalaq kollox u allura ħalaq ukoll lilna l-bnedmin.
- Oħloq diskussjoni mat-tfal dwar dak kollu li tana Alla.
- Oħroġ żewġt itfal u għidilhom jiddiskrivu lil xulxin: eż. is-sensi u dak kollu li għandhom.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**



- Spjega lit-tfal li kulħadd hu sabiħ b'dak li għandu.
- Iftaħ id-dokument tal-i*Starboard* u flimkien mat-tfal aħdem l-attivita' fejn it-tfal ser jagħrfu l-partijiet differenti tal-ġisem u huma stess iġorru l-kelma ħdejn il-vleġġa li turi l-istess parti tal-ġisem. L-istampi qegħdin hemm biex jgħinuhom.
- Hawn enfasizza l-punt li minkejja li aħna nidhru kollha differenti, kulħadd huwa sabiħ u speċjali u għandu l-kapaċitajiet tiegħu li jgħinuh jikber u jsir aħjar u kulħadd kapaċi jgħin lil

ta' madwari billi jagħmel użu sew minn dak li għandu.

- Hawnhekk erġa tella' l-Powerpoint Presentation u uri l-i*slide* fejn jidhru l-familjari madwar l-istess tifel u tifla li diġà ddiskutew. Agħti ċans lit-tfal jiddiskutu dwar dak li jkunu qed jaraw. Staqsi: *Int lil min tixbah?* U hawnhekk stenna risposti fejn jidħlu kemm fattizzi u anki karattru.
- Oħroġ il-punt li aħna nixbhu ħafna lill-ġenituri tagħna għax huma ġabuna fid-dinja; in-nies ta' madwarna u dawk li jieħdu ħsiebna tahomlna Alla u kulħadd għandu affarijiet speċjali għax hu uniku.
- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.1 u wara li tieħu mingħand it-tfal x'qed jaraw fl-istampa, wassalhom biex ipinġu l-affarijiet li hemm u jew iwaħħlu ritratt tagħhom infushom jew ipinġu lilhom infushom.
- Spiċċa l-lezzjoni bid-diska *Jesus Loves Me.*




**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Jiena parti mill-ħolqien.
2. Għandi qalb, moħħ u s-sensi l-oħra li jgħinuni ngħix aħjar.
3. Is-sensi tahomli Alla.
4. Alla tani ħafna nies f'ħajti – speċjalment dawk li jieħdu ħsiebi.
5. Minn dawn in-nies jien nitgħallem kif insir persuna aħjar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




- Naprezza dak li għandi u napprezza wkoll dak li għandhom ta' madwari.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

http://www.youtube.com/watch?v=uves7vM41q4

Jesus loves me! This I know,
For the Bible tells me so;
Little ones to Him belong;
They are weak, but He is strong.

- *Refrain:*
  Yes, Jesus loves me!
  Yes, Jesus loves me!
  Yes, Jesus loves me!
  The Bible tells me so.

Jesus loves me! This I know,
As He loved so long ago,
Taking children on His knee,
Saying, “Let them come to Me.”

Jesus loves me still today,
Walking with me on my way,
Wanting as a friend to give
Light and love to all who live.

Jesus loves me! He who died
Heaven’s gate to open wide;
He will wash away my sin,
Let His little child come in.

Jesus loves me! He will stay
Close beside me all the way;
Thou hast bled and died for me,
I will henceforth live for Thee.



**Nitolbu**



Lili agħmiltni speċjali.  Grazzi ta' dak kollu li tajtni.